**KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA**
29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512
TEL: 2168 0622
E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt
WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru sebgħa u tmenin (87) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar is-26 ta' Diċembru 2017 fil-5.30pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Dr Charlene Muscat | Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Viċi Sindku |
| | Michel Farrugia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anita Farrugia | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

Is-Sindku ppresediet il-laqgħa u qalet it-talba.

Is-Sindku qalet lil Michel Farrugia illi l-ittra li ħejja s-SE wara l-vot li ttieħed fil-laqgħa preċedenti fejn il-KLM qed jirrakkomanda lill-Ministru biex is-siġġu tiegħu ikun dikjarat vakant, għadha ma ffirmathiex u ma ntbagħtetx propju għaliex xtaqet li hu jkun infurmat dwarha. Michel Farrugia qal illi hu kien jinsab indispost minħabba raġunijiet ta' saħħa (injury) u qal li se jippreżenta iċ-ċertifikati mediċi. Charlene Muscat qalet illi kieku kienet taf li d-diffikulta' kienet minħabba li hu ma setgħax jitla' t-taraġ, konna nagħmlu arranġamenti temporanji biex il-laqgħa ssir f'post ground floor.

Intqal illi l-fuljett għandu joħroġ xorta waħda.

Il-mikrofoni inxtgħelu fil-5.40pm.

**87.01 Ittra ta' Apoloġija**

Inqrat l-ittra (e-mail) ta' apoloġija ta' Nikolai Farrugia, l-Ambaxxatur taż-żgħażagħ li kien skużat mill-KLM matul din il-laqgħa.

**87.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

Il-minuti tas-seduta preċedenti kienu mressqa għall-vot minn Dr Charlene Zammit u sekondati minn Grace Marie Mallia u approvati b'mod unanimu wara li saru dawn il-korrezzjonijiet:

86.08 Tneħħiet is-sentenza *'Il-kunsillieri qablu li f'din il-ħarġa mhux se jagħmlu l-artiklu tagħhom minbarra dak tas-Sindku'* u tpoġġiet wara l-kelma *'...fuljett'* fis-sentenza ta' qabel *'...madankollu l-KLM iddeċieda illi mil-ħarġa li jmiss il-fuljett għandu jkollu dehra ġdida. Fil-fuljett ser ikun ippublikat editorjal bil-malti u bl-ingliż, kalendarju t'attivitajiet li jkun involva ruħu fihom il-KLM u ritratti li juru l-ħidma tal-KLM. Dan bil-għan li l-fuljett jibqa' relevanti mal-qarrejja tiegħu.'*

**87.03 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

87.03.01 F'dan il-punt issemma' l-ilment li daħal fuq il-festun tad-dawl tal-Milied fil-Pjazza tal-Knisja mis-Soċjeta' Mużikali Madonna tal-Ġilju.

87.03.02 Charlene Muscat qalet illi irċevejna ittra min-naħa tal-Każin tal-Ġilju fejn qed jgħidu li tilfu l-fondi minn Jum l-Imqabba u jriduhom xorta minkejja li ma ingħatax is-servizz. Hija qed tissuġġerixxi illi din is-sena dawn il-fondi ma jiġux rilaxxati iżda qed tissuggerixxi illi fit-2018 ninvolvuhom f'zewġ

okkazjonijiet u l-fondi jingħataw xorta waħda.

87.03.04 Charlene Muscat qalet illi fil-laqgħa tas-Sindki tkellmet mas-Sur Fredrick Cutajar li bħal issa qed jaħdem ma' tat-Turiżmu u dan qalilha li hemm skema li nistgħu napplikaw għall-fondi mal-MTA għall-Festa Ravjul biex tkun reklamata mat-turisti.

87.03.05 Kien deċiż illi minn issa 'l quddiem meta xi ħadd jagħmel allegazzjonijiet li qed iħammeġ post pubbliku, il-KLM għandu jara li jkollu ritratt/filmat, u f'każ bħal dan għandna nikkomunikaw mal-Pulizija.

87.03.06 Charlene Muscat issuġġeriet illi l-kaxxa tal-ittri li hemm fi Triq Karmenu Ciantar biswit il-*bus shelter,* tinqala' u titwaħħal fejn il-bandli.

87.03.07 Charlene Muscat qalet li xi ħadd mir-residenti kellu suġġeriment illi biex it-trakkijiet ma jkunux jistgħu jidħlu minn Triq Valletta lejn Triq it-Torri, l-unika mod kif jitwaqqfu hu billi tkun kostruwita *traffic island* fi Triq Valletta kantuniera ma Triq it-Torri Vincenti. Hawn intqal illi rridu nibgħatu reminder lill-Onor Jose' Herrera minħabba l-proposta tagħna li l-vetturi tqal għandhom jgħaddu mill-ajruport internazzjonali ta' Malta biex jevitaw l-abitat.

87.03.08 Dwar l-applikazzjoni tar-restawr tal-Ħajt tal-Matla, is-Sindku qalet illi rridu nagħmlu kuntatt mad-Direttorat tar-Restawr biex dawn jispjegawlna kif inhi l-proċedura li permezz tagħha se jsir ix-xogħol. Ser isir kuntatt mas-Sur Nicholas Sciberras dwar il-plot li hu u werrieta oħrajn għandhom fi Triq Monsinjur Alfons Caruana k/m Triq George Martin sabiex inġibu konferma li huma m'għandhomx oġġezzjoni li t-triq tgħaddi mil-propjeta' in kwistjoni.

87.03.09 Issemmiet l-applikazzjoni tal-għoti ta' wiċċ fit-toroq rurali. Il-KLM kien waqa lura fl-applikazzjoni u ma lħaqniex applikajna fil-ħin, minħabba li l-Perit issottometta l-istimi tard, madankollu issa x-xogħol preparatorju sar mil-perit u tlestew l-istimi u ttieħdu wkoll ir-ritratti. Dan ix-xogħol se nsibuħ aktar –il quddiem f'każ li jkun hemm sejħiet simili.

87.03.10 Is-Sindku semmiet illi fil-5 ta' Jannar se ssir laqgħa mad-Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet, is-Segretarju Permanenti u wkoll mar-rappreżentanti tas-soċjetajiet mużikali dwar il-proġett tal-Pjazza tal-Knisja. Hawn Michel Farrugia qal illi kien imisshom jiltaqgħu ukoll mal-każini tal-politika peress li dawn jiffurmaw parti mill-*istakeholders.*

**87.04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

87.04.01 Paul Spiteri staqsa jekk hux possibbli illi l-klabb tal-futbol juża s-sala tal-Isptar il-Qadim nhar il-Ġimgħa 29 ta' Diċembru 2017 biex jorganizzaw laqgħa fih. Il-KLM ma kellu l-ebda' oġġezzjoni u l-permess ingħata.

87.04.02 Is-Sindku semmiet illi qabel id-drink li se jorganizza l-KLM nhar is-7 ta' Jannar fl-Isptar il-Qadim, il-kunsillieri se jkunu qed jipparteċipaw fil-quddiesa fil-Parroċċa tal-Imqabba, flimkien mal-għaqdiet.

87.04.03 Grace Marie Mallia resqet talba f'isem xi ħadd mir-residenti ta' Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira biex tkun kostruwita bankina ġdida. Dwar din il-proposta kien hemm qbil unanimu. Hawn Charlene Muscat qalet illi hemm ordnata wkoll bankina ġdida fi Triq il-Qrendi (triq arterja) fejn l-istage.

87.04.04 Charlene Muscat qalet illi għada se jiġi Giovan ta' *Elle's Urban Services* biex jara x-xogħlijiet fuq il-kostruzzjoni tal-*outdoor gym* f'Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira.

87.04.05 Dwar il-ħadid li twaħħal fuq in-naħa ta' barra tal-Każin tal-Futbol, is-SE qal illi m'għandna l-ebda' risposta. Madankollu se nikkomunikaw mad-dipartiment tal-Artijiet dwar dan in-nuqqas t'aċċess fl-inħawi msemmija.

87.04.06 Michel Farrugia qal illi fl-inħawi ta' Ġnien Tfal ir-Raħal qed jidhru ħafna ġrieden. Il-KLM se jirrapporta dan kollu lid-dipartiment tas-Saħħa.

87.04.07 Anita Farrugia staqsiet dwar is-smieh tal-appell minn xi wħud mir-residenti tal-madwar li qed jopponu il-bini tad-Dar tal-Anzjani. Charlene Muscat qalet illi dawn se jressqu l-provi tagħhom sal-aħħar ta' Jannar.

87.04.08 Charlene Muscat semmiet il-permessi li qed jingħataw mill-KLM biex per eżempju ir-Remissa Bar joħroġ is-siġġijiet barra fil-Pjazza tal-Knisja. Hija qalet illi dan imissu japplika għal permess ta' l-*encroachment* mil-Kummissarju tal-Artijiet u l-KLM ma jagħtix aktar permessi.

**87.05 Attivitajiet tal-Milied;**

87.05.01 Charlene Muscat qalet illi l-attivitajiet tal-Milied s'issa kienu jikkomprendu fil-*Christmas Market,* illi sfortunatament ma kienx suċċess minħabba li kellna attendenza fqira. Madankollu kien wieħed interessanti u l-ħasra hi li fi x'ħin ġiet l-ET il-President ta' Malta ma kien hemm ħadd.

87.05.02 Fis-7.00pm telqet Anita Farrugia għax ma setgħetx tibqa' għal kumplament tal-laqgħa.

87.05.03 Issemmew id-dettalji dwar il-Party tat-tfal li se jorganizza l-KLM nhar is-Sibt 30 ta' Diċembru.

87.05.04 L-għada l-Ħadd 31 ta' Diċembru se nkunu qed naħdmu biex tittella' r-*Rock Mass*.

**87.06 Estimi Finanzjarji 2018;**

Kien impoġġi għad-diskussjoni l-Budget 2018 wara li kien revedut mill-Accountant. Dan se jkun approvat immedjatament wara li tkun inżammet il-laqgħa pubblika minkejja li se jerġa' jitla' fuq l-agenda tal-laqgħa li jmiss.

**87.07 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Kienet approvata ċ-ċedola tal-pagamenti numru 540 għajr l-items bin-numru 7, 23, 28, 57 u 59.

**87.08 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;**

Il-laqgħa intemmet fis-7.30pm u dik li jmiss se ssir nhar it-8 ta' Jannar 2018 fis-6.00pm kif kien diġa' miftiehem fis-seduta preċedenti.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 8 ta' Jannar 2018 minn Dr Charlene Muscat
Segretarju Eżekuttiv Sindku